**Dispożittiv**

1) *It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.*

2) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

---

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' Jannar 2017 – Healy vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-55/17)**

(2017/C 112/54)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorreni:* John Morrison Healy (Celbridge, l-Irlanda) (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

tiddikjara u tiddeċiedi li,

— id-deċiżjoni tal-11 ta' April 2016 li permezz tagħha l-Bord tal-Għażla irrifjuta l-ammissjoni tar-rikorrent għall-kompetizzjoni COM/02/AST/16 (AST2) hija annullata;

— il-Kummissjoni hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrent jinvoka motiv wieħed ibbażat fuq il-ksur tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Fil-fatt, ir-rikorrent jqis li l-kundizzjoni ta' dħul ikkontestata, jiġifieri dik li għandha tinġieb prova ta' 42 xahar ta' servizz fi ħdan il-Kummissjoni, ma hijiex iġġustifikata fid-dawl tar-rekwiżiti tal-pożizzjonijiet li għandhom jimtlew.

Barra minn hekk, l-Artikolu 82(7) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra huwa inkompatibbli mal-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal billi jeskludi l-aċċess għall-kompetizzjonijet interni, fil-każijiet kollha, għall-membri tal-persunal bil-kuntratt li għandhom servizz inqas minn 36 xahar li huwa l-minimu li jista' jservi bħala bażi u li vvizzja l-evalwazzjoni mill-Awtorità tal-Ħatra tal-kundizzjoni tad-dħul kkontestata.

---

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Jannar 2017 – PO *et* vs SEAE**

**(Kawża T-56/17)**

(2017/C 112/55)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* PO, PP, PQ (rappreżentanti: N. de Montigny u J. N. Louis, avukati)

*Konvenut:* Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna